REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1244

tal-1 ta' Settembru 2020

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013 f'dak li għandu x'jaqsam mat-tnaqqis mill-kwoti tas-sajd allokati lil Spanja għall-2020 u għall-2023

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 105(4) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-2013 il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013 [2] li jipprevedi tnaqqis minn ċerti kwoti tas-sajd allokati lil Spanja fl-2013 u fis-snin sussegwenti minħabba s-sajd żejjed ta' ċertu kwota tal-kavalli fl-2009. Dak ir-Regolament stabbilixxa tnaqqis mill-kwota tal-kavalli fid-Diviżjoni 8c tal-ICES, fis-subżoni 9 u 10 tiegħu u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 tas-CECAF u tnaqqis mill-kwota tal-inċova fis-subżona 8 tal-ICES.

(2) Skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013, it-tnaqqis mill-kwota ta' Spanja għall-kavalli fid-Diviżjoni 8c tal-ICES, fis-subżoni 9 u 10 tiegħu u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 tas-CECAF għas-snin 2020 u 2023 ġie stabbilit għal 5 544 tunnellata u 1 392 tunnellata rispettivament.

(3) Fl-2019, Spanja ma staditx għal 3 341 tunnellata mill-kwota rilevanti tal-kavalli u b'hekk kien hemm inqas pressjoni tas-sajd fuq dak l-istokk meta mqabbel mal-kwantità massima permessa mill-opportunitajiet tas-sajd allokati għal dik is-sena. Spanja talbet li dawk il-kwantitajiet li ma ġewx mistada jintużaw biex jitnaqqas it-tnaqqis previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013 għas-sena 2020 u għas-sena 2023. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu adattati l-kwantitajiet għat-tnaqqis għall-2020 u għall-2023 stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013.

(4) L-ammonti mnaqqsa mill-kwoti għall-kavalli fl-2020 u fl-2023 wara t-tibdil xorta jkomplu jiżguraw li l-opportunitajiet tas-sajd għal dawk l-ispeċijiet ma jinqabżux f'konformità mal-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013 jiġi emendat kif xieraq.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013 huwa sostitwit bit-test mogħti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

---

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 185/2013 tal-5 ta' Marzu 2013 li jipprovdi għal tnaqqis minn ċerti kwoti tas-sajd allokati lil Spanja fl-2013 u fis-snin sussegwenti minħabba s-sajd żejjed ta' ċertu kwota tal-kavalli fl-2009 (ĠU L 62, 6.3.2013, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Settembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS

Stokk	Il-kwota inizjali għall-2009	Il-kwota adattata għall-2009	Il-qabdiet stabbiliti għall-2009	Id-differenza bejn il-qabdiet u l-kwota (is-sajd żejjed)	It-tnaqqis għall-2013	It-tnaqqis għall-2014	It-tnaqqis għall-2015	It-tnaqqis għall-2016	It-tnaqqis għall-2017	It-tnaqqis għall-2018	It-tnaqqis għall-2019	It-tnaqqis għall-2020	It-tnaqqis għall-2021	It-tnaqqis għall-2022	It-tnaqqis għall-2023
MAC8C 3411	29 529	25 525	90 954	-65 429	100	100	100	5 544	6 283	4 805	4 421	3 214	5 544	5 544	381
ANE08 (1)								3 696	4 539	2 853	3 696	3 696	3 696	3 696	180"

(1) Għall-inċova, is-sena jenħtieġ li tfisser l-istaġun tas-sajd li jibda f'dik is-sena.